

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-001019/2024

lill-Kummissjoni

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

Domènec Ruiz Devesa (S&D), Cyrus Engerer (S&D), Juan Fernando López Aguilar (S&D), Thijs Reuten (S&D)

Suġġett: Sittin migrant imutu bil-ġuħ u bil-għatx mitluqin għal riħhom fil-Mediterran

Fit-13 ta' Marzu 2024, il-gazzetta El País ippubblikat l-aħbar li 60 migrant kienu mietu bil-ġuħ u bil-għatx, fosthom nisa u tfal, fuq dgħajsa mitluqa għal riħha fil-Mediterran ċentrali. Dawk li rnexxielhom jibqgħu ħajjin qalu li ma ngħataw l-ebda għajnuna minkejja l-fatt li fuq id-dgħajsa taru ajruplani u ħelikopters. Id-dgħajsa setgħet kienet is-suġġett ta' allarm ta' Alarm Phone. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni twissi li din it-traġedja turi l-inadegwatezza mifruxa tas-sistema ta' sokkors fil-Mediterran ċentrali.

1. Il-Kummissjoni tista' tidentifika n-nazzjonalità u s-sidien tal-ajruplani u tal-ħelikopters li raw dawk li rnexxielhom jibqgħu ħajjin u tiċċara jekk l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-Gwardja tal-Kosta Taljana jew il-mekkaniżmi Ewropej ta' salvataġġ u koordinament kinux jafu bil-bżonn ta' assistenza? Tista' tagħti d-data eżatta ta' din l-informazzjoni?
2. Minħabba d-disfunzjonalità tas-sistema ta' salvataġġ fil-Mediterran, il-Kummissjoni sejra tipproponi li tinħoloq missjoni Ewropea ta' tfittxija u salvataġġ kif kien talab il-Parlament fit-13 ta' Lulju 2023?

Imressqa:5.4.2024